# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 28 ta' Frar 2001**

**Avviz. numru 1036/96**

**Numru 27**

**F.X. Borg Furniture Limited**

**vs**

**Raymond Cutajar u b'digriet tal-20 ta' Dicembru 1996 giet kjamata in kawza Giovanna sive Janet Cutajar mart il-konvenut.**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u erbgha u disghin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm694.21) ammont dovut mill-konvenut ghall-bejgh u konsenja ta' merkanzija.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 5 ta' Gunju 1996 u dawk tal-ittra ufficjali datata 19 ta' Lulju 1996 u bl-imghax mid-data tal-konsenja.

Rat in-nota tal-eccezzonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa (a fol 7 tal-atti):

a) Illi preliminarjament il-kawza fl-ismijiet premessi hija nulla skond il-ligi billi l-konvenut hu mizzewweg u ghalhekk fid-dawl tal-emendi fil-Kodici Civili ta' Malta, tali avviz kellha issir ukoll kontra l-istess mart l-konvenut.

b) Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost illi l-presentazzjoni tal-avviz m'huwiex skond il-procedura.

c) Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-attur ma effettwax il-konsenja kollha kif debitament ordnat u dan bhalma jaf ben tajjeb l-istess attur noe.

d) Illi l-istess xoghol kif ordnat m'hux lest skond is-sengha u l-arti u bhalma jaf ben tajjeb l-istess attur noe u dan meta l-istess konvenut mar kemm il-darba ghand l-istess attur noe u l-istess attur noe kien ammetta s-sitwazzjoni.

e) Illi l-istess konvenut kien ha interess u talab l-istess attur noe biex isolvi din is-sitwazzjoni kif kienet xierqa fejn dan hu nuqqas u tort tal-attur noe bl-ispejjes kontrih.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-20 ta' Dicembru 1996 u li bih giet kjamata in kawza mart il-konvenut ossija Giovanna sive Janet Cutajar (fol 8 u 9 tal-istess atti).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess kjamata in kawza (fol 17 ibid) li biha eccepiet:

a) Illi preliminarjament il-kawza fl-ismijiet premessa hija nulla skond il-ligi billi l-konvenut hu mizzewweg u ghalhekk fid-dawl tal-emendi fil-Kodici Civili ta' Malta, tali avviz kellu issir ukoll kontra l-istess mart l-konvenut.

b) Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost illi l-presentazzjoni tal-avviz m'huwiex skond il-procedura.

c) Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-attur ma effettwax il-konsenja kollha kif debitament ordnat u dan bhalma jaf ben tajjeb l-istess attur noe.

d) Illi l-istess xoghol kif ordnat m'hux lest skond is-sengha u l-arti u bhalma jaf ben tajjeb l-istess attur noe u dan meta l-istess konvenut mar kemm il-darba ghand l-istess attur noe li kien ammetta s-sitwazzjoni.

e) Illi l-istess konvenut kien ha nteress u talab lill-attur noe biex isolvi din is-sitwazzjoni kif kienet xierqa fejn dan in-nuqqas hu tort tal-attur noe. Bl-ispejjes kontrih.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 42 ibid.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi s-socjeta attrici, permezz tax-xhieda ta' <u>Malcolm Micallef</u> (fol 20 sa 23 tal-atti), ikkonfermat li l-ammont specifikat fl-avviz kien ghadu dovut mill-konvenuti u dan in konnessjoni ma xiri ta' kamra tas-sodda da parti tal-istess konvenuti. L-istess xhud esebixxa l-"<u>order form</u>" iffirmata ukoll mill-istess konvenut fit-23 ta' Settembru 1994 minn fejn jidher li din il-kamra tas-sodda kellha prezz miftehem ta' Lm995 mil-liema prezz kienet thallset is-somma ta' Lm500 u b'hekk kien fadal bilanc ta' Lm495 li kellu jithallas mal-konsenja. Inoltre jidher li d-data tal-konsenja kellha tkun "<u>Jan 95</u>". Inoltre giet esebita id-"delivery note" minn fejn jidher li effettivament il-kamra tas-sodda giet konsenjata f'<u>April 1995</u>. Hawnhekk, pero', jigi notat li bhala "invoice total" hemm imnizzel Lm1114.93 u mhux kif specifikat fl-"order form" hemm fuq citata (<u>ara "price" "Deposit" u " Cash on delivery"</u>)

Ikkunsidrat

Illi x-xhud precedenti semma li ma kien ircieva ebda ilment dwar l-istess kamra tas-sodda. Pero l-konvenut, meta xehed (a fol 33 et seq ibid) ilmenta li l-konsenja saret xahrejn wara d-data meta kien miftiehem li din kellha issir, fatt li jidher pruvat mid-dokumenti hemm fuq citati. Inoltre l-istess konvenut semma li z-”zewg zaghzagh” inkarigati mill-konsenja tal-istess kamra tas-sodda ma kienux qeghdin jaqblu bejniethom dwar jekk ix-xoghol kienx komplut o meno. Hawnhekk il-konvenut allega li difatti, kien hemm “xi affarijiet neqsin” in rigward is-sodda u l-iskrivanija, waqt li x-xoghol ma kienx “irfinut” bhal dak li kien ra fix-”showroom” tas-socjeta’ attrici. L-istess konvenuti informawh li kienu ser jirritornaw darba ohra sabiex jikkompletaw ix-xoghol kollu (ara ir-ritratti esebiti a fol 39 tal-atti). Minhabba li dan, pero’, ma kienx avvera ruhu avolja kien ilmenta mas-socjeta attrici f’diversi okkazzjonijiet l-istess konvenut kien ha hsieb sabiex hu stess, permezz ta’ bniedem dilettant, jirranga d-difetti.

Ikkunsidrat

Illi jinghad minnufih li l-konvenut avolja ilmenta li x-xoghol, kif konsenjat, kien difettuz, xorta wahda zamm ghandu l-kamra tas-sodda involuta minghajr ma ha l-passi legali mehtiega fic-cirkostanzi tal-kaz, fosthom li l-istess kamra tas-

sodda tigi depostata taht l-awtorita' tal-Qorti oltre li jadixxi l-Qorti "per azione" in konnessjoni mad-difetti imsemmija jew in rigward inadempjament tal-obbligazzjonijiet assunti mill-istess socjeta' attrici. Ormai din il-Qorti ma tistax taccerta ruha dwar l-esistenza o meno ta' dawn id-difetti li gew irrangati mill-istess konvenut.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, pero, l-istess Qorti esaminat, kif premess, l-"order form" esebita mill-istess socjeta' attrici u tara li l-bilanc dovut kien jammonta ghal Lm495 u mhux Lm694.21.0 kif specifikat fl-avviz. Filfatt il-prezz miftiehem mill-partijiet kien ta' Lm995 li minnu il-konvenuti hallsu Lm500 bhala "deposit" waqt li l-bilanc li kellu jithallas mal-konsenja kien jammonta ghal Lm495. Hawnhekk hu probabbli li s-socjeta' konvenuta ziedet imghax mal-ammont dovut u dan mid-data tal-konsenja tal-istess kamra tas-sodda. Proprjament, pero' tali imghax skond il-ligi kellu jibda jiddekorri mid-data tal-ittra ufficjali imsemmija fl-istess avviz cjoe mid-19 ta' Lulju 1996, trattasi l-kaz in esami ta' obbligazzjoni civili u mhux kummercjali (ara l-artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili).

Illi ghalhekk l-ammont dovut mill-konvenuti ghandu jkun propjament Lm495 bl-imghax legali jiddekorri mill-5 ta' Gunju 1996.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' Lm495 u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm495 bl-imghax legali mil-5 ta' Gunju 1996 sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes dawn jithallsu kwantu ghal 2/3 mill-konvenuti u kwantu ghal 1/3 mill-istess socjeta attrici.

Alan Calleja
Dep.Reg